



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

Brussell, it-12 ta' Novembru 2014
ECA/14/52

Diskors minn Vítor Caldeira, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapporti Annwali 2013

Sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew

Brussell, it-12 ta' Novembru 2014

Id-diskors proprju jitqies b'ħala awtentiku.
Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

ECA Press

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA Youtube: [EUAuditorsECA](https://www.youtube.com/EUAuditorsECA) eca.europa.eu

President Schulz,

Onorevoli Membri tal-Parlament Ewropew,

Viċi President tal-Kummissjoni Georgieva,

Għandi l-unur nippreżenta r-Rapport Annwali tal-Qorti dwar is-sena finanzjarja 2013 lil din is-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew.

Dan huwa mument importanti ta' bidla għall-Ewropa. Kummissjoni Ewropea ġdida qed tiffaċċja ħafna sfidi importanti.

Waħda minn dawn l-isfidi hija li ttejjeb il-ġestjoni tal-baġit tal-UE. Dik l-isfida għandha tliet elementi prinċipali: infiq tal-flus disponibbli, żgurar ta' konformità mar-regoli finanzjarji tal-UE, u kisba ta' riżultati siewja - u viżibbli - għaċ-ċittadini.

Onorevoli Membri,

Fil-bidu ta' dan il-perjodu ġdid ta' nfiq, ir-rapport annwali tal-Qorti jgħid li, b'mod kumplessiv, il-ġestjoni finanzjarja tal-UE għadha mhix tajba biżżejjed.

Fir-rigward tal-**infiq tal-baġit tal-UE**, fl-2013 saru pagamenti ta' aktar minn EUR 148 miljun mill-baġit tal-UE, ammont li huwa kważi 99 % tal-massimu li kien disponibbli għas-sena.

Il-Qorti tikkonkludi li dawk it-tranżazzjonijiet ġew kontabilizzati b'mod xieraq fl-2013, li jfisser li issa vvalidajna opinjoni tal-awditjar "nadifa" dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE kull sena mill-2007 'l hawn.

Iżda ppermettuli nżid xi ftit kliem ta' twissija dwar il-**ġestjoni tal-flussi tal-flus tal-UE**.

Minkejja l-livell għoli ta' pagamenti, l-obbligu finanzjarju pendenti żdied b'EUR 9 biljun aktar għal EUR 322 biljun sa tmiem l-2013.

Dan huwa sinjal tal-pressjoni li dejjem tikber fuq il-flussi tal-flus tal-UE. F'dan il-kuntest, huwa importanti li l-Kummissjoni tantiċipa nuqqasijiet potenzjali fil-finanzjament għall-programmi tal-UE billi tħejji previżjonijiet xierqa tal-flussi tal-flus.

Fl-istess ħin, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tiegħu tneqda li investiment bil-quddiem mill-baġit tal-UE jirrifletti l-ħtiġijiet reali tal-flussi tal-flus. Pereżempju, skont iċ-ċifri l-aktar reċenti tal-Kummissjoni, inqas minn nofs l-EUR 14-il biljun li kienu tħallu fi **strumenti ta' inġinerija finanzjarja** mill-2007 'l hawn kienu fil-fatt waslu għand il-benefiċjarji finali sa tmiem l-2013.

Onorevoli membri,

Il-baġit tal-UE jintnefaq iżda hemm wisq pagamenti li għad mhumiex f'**konformità mar-regoli**.

Il-Qorti tistma li r-rata kumplessiva ta' żball għall-pagamenti hija 4,7 % fl-2013, meta mqabbla ma' 4,8 % fl-2012. Din hija b'mod sinifikanti ogħla mil-*"livell limitu ta' materjalità"* ta' 2 %, kif kien il-każ għas-snin kollha li l-Qorti awditjat il-kontijiet tal-UE.

Fl-2013, l-oqsma kollha ta' nfiq kienu milquta minn livell materjali ta' żball. L-unika eċċezzjoni kienet l-EUR 10,6 biljun li l-UE nefqet fuq l-amministrazzjoni proprja tagħha.

Il-Qorti tistma li r-rata ta' żball hija ogħla għat-80 % tal-fondi tal-UE, fejn ir-responsabbiltà għall-ġestjoni hija kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, f'livell ta' 5,2 %, meta mqabbla ma' 3,7 % f'oqsma oħra, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma mmaniġġjati direttament mill-Kummissjoni.

Il-Qorti sabet li l-azzjonijiet korrettivi mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali jgħinu biex iżommu r-rata kumplessiva ta' żball f'livell baxx, iżda jista' jsir ħafna aktar b'mod sinifikanti taħt l-arranġamenti attwali biex qabelxejn ma jsirux żbalji.

Pereżempju, fil-prinċipju, ir-rata ta' żball tal-Qorti fl-iżvilupp rurali setgħet tnaqqset minn 6,7 % għal 2,0 %, li kieku l-awtoritajiet nazzjonali kienu użaw l-informazzjoni kollha li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom qabel ma ppreżentaw klejms lill-Kummissjoni għar-rimborż.

Is-sorsi prinċipali ta' żball li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom joqogħdu attenti għalihom huma klejms ineliġibbli, ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku, u dikjarazzjonijiet skorretti taż-żoni agrikoli.

Fil-fehma tal-Qorti, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom l-ewwel jikkonċentraw fuq il-prevenzjoni u mbagħad fuq id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji li jirriżultaw għal dawn ir-raġunijiet, mhux tal-inqas minħabba l-fatt li tali iżbalji jqiegħdu wkoll f'riskju l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq tal-UE.

Onorevoli membri,

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-manigġers tal-fondi tal-UE ffukaw primarjament fuq l-infiq tal-flus disponibbli, it-tieni nett fuq il-konformità mar-regoli, u mbagħad biss – u sa punt kumparattivament limitat – iffukaw fuq il-**kisba ta' riżultati**.

Dan jirrifletti karatteristika fundamentali tal-arranġamenti tal-ġestjoni baġitarja tal-UE. L-uffiċjali fil-livell tal-Istati Membri u f'dak tal-UE jinsabu taħt pressjoni konsiderevoli biex jonfqu, għax inkella jistgħu jtilfu l-finanzjament, iżda għandhom nuqqas ta' inċentivi ekwivalenti biex jiksbu riżultati bil-flus.

Dan jeħtieġ li jinbidel. Ir-rapport annwali tagħna jipprovdi ħafna eżempji, li nsiltu minn fost id-19-ir-rapport speċjali li l-Qorti adottat fl-2013, biex jintwera kif fokus aħjar fuq ir-riżultati jista' jsaħħaħ il-prestazzjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni biex nimxu minn kultura ta' nfiq lejn kultura ta' prestazzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, dik il-kultura ta' prestazzjoni se teħtieġ:

- L-ewwel nett, impenn ġenwin, fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, biex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli bil-fondi limitati tal-UE.
- It-tieni nett, miri adatti għall-kisba tar-riżultati kif ukoll informazzjoni affidabbli dwar il-progress lejn il-kisba tagħhom; u
- It-tielet nett – u l-aktar importanti – l-inċentivi t-tajba għall-kumpens ta' prestazzjoni tajba u sanzjonar ta' prestazzjoni fqira.

Jekk l-arranġamenti l-ġodda għall-baġit għall-2014 sal-2020 għandhom jirnexxu fit-tqegħid ta' aktar fokus fuq ir-riżultati, allura dawn l-elementi jridu jkunu stabbiliti u jridu jkunu qed joperaw b'mod effettiv.

Fl-istess ħin, jeħtieġ li r-riżultati kumplessivi jkunu aktar viżibbli. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirrakkomanda li, fir-rapport annwali ta' evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ttejjeb il-kopertura mogħtija lill-valur miżjud Ewropew tal-baġit tal-UE u lill-progress li sar lejn l-ilħuq tal-għanijiet tal-istrateġija ta' Ewropa 2020.

President, onorevoli membri,

It-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE mhuwix biss dwar l-għażla bejn l-infiq tal-flus, il-konformità mar-regoli, u l-kisba ta' riżultati. Huwa dwar li jirnexxilna nagħmlu t-tlieta f'daqqa. U dak il-kompitu jkun eħfef li kieku l-baġit tal-UE kien aktar maniġġjabbli, b'objettivi aktar ċari u arranġamenti aktar sempliċi għall-infiq tal-flus. Dawn huma t-tagħlimiet ewlenin tal-perjodu baġitarju 2007 sa 2013.

Kif nittama li juri r-Rapport Annwali 2013 tal-Qorti, l-istituzzjoni tagħna hija impenjata bis-sħiħ li tassisti lil dan il-Parlament, lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, u lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi tal-UE għall-kisba tat-tip ta' riżultati li ċ-ċittadini tal-UE bid-dritt jistennew li jaraw.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom.